97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 58/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 23 ta' Frar 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Skużat
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti
Sur Joseph Galea	Direttur Artistiku		Preżenti għall-parti mil-laqgħa
Sa Veronika Mercieca	Uffiċjal Maniġerjali – Kultura	Reġjun Port	Preżenti għall-parti mil-laqgħa

58. 1 Ittri ta' Apoloġija

58.1.1 Il-President semma li s-Sur Joseph Abela Galea, is-Sur Wayne Aquilina u s-Sur Olaf McKay talbu sabiex ikunu skużati. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis dawn tniżlu bħala skużati.

58.1.2 Il-President talab sospenzjoni tal-Aġenda sabiex ikunu jistgħu jagħtu aġġornament fuq ir-Reġjun tal-Kultura 2026. Bi qbil unanimu, l-Aġenda ġiet sospiża.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

58.2 Aġġornament dwar Proġetti Kulturali u Inizjattivi - Reġjun Kulturali 2026

58.2.1 Il-President informa li jinsab f'kuntatt kontinwu mal-Uffiċjal Maniġerjali kif ukoll mad-Direttur Artistiku, u li ser jibda jipprepara rapport dettaljat sabiex jiġi ppreżentat f'laqgħa futura.

58.2.2 Is-Sa Mercieca rrappurtat li sitt minn seba' inizjattivi taħt il-proġett *Nexus* diġà bdew jitwettqu. Saru diversi workshops f'Ħaż-Żabbar, Bormla, Floriana u l-Belt Valletta. Hija żiedet li ġie ppubblikat ukoll il-poster promozzjonali relatat mal-workshops *Father & Sons*.

58.2.3 Is-Sa Mercieca semmiet ukoll li l-inizjattiva tar-rakkonti ser tiġi ppreżentata f'erba' volumi distinti li jkopru r-reġjuni li ġejjin: Tarxien, Paola u Fgura; Żabbar; Xgħajra u Kalkara; il-Kottonera, il-Belt u Floriana. Dawn il-volumi ser jinkludu rakkonti ta' anzjani kif ukoll illustrazzjonijiet magħmula minn tfal ibbażati fuq dak li jisimgħu mill-esperjenzi u l-istejjer tal-anzjani.

58.2.4 Is-Sa Mercieca rreferiet ukoll għal proposta ta' €10,000 fejn ir-Reġjun kien mitlub jikkollabora mal-Każin 60+ fi proġett immexxi minn Teatru Malta. Wara diskussjoni interna, ir-Reġjun iddeċieda li ma japprovax din il-kollaborazzjoni, fid-dawl tal-fatt li diġà qed jimplimenta proġetti interġenerazzjonali u għandu kalendarju estensiv ta' inizjattivi li jistgħu jissaħħu permezz ta' investiment addizzjonali.

58.2.5 Hija semmiet ukoll li beda kors tal-kaligrafija li qed jitmexxa fil-Belt Valletta, il-Birgu u l-Fgura.

58.2.6 Rigward ISO Academy, ġie rrappurtat li attivitajiet u sessjonijiet relatati bdew jiġu organizzati fl-iskejjel.

58.2.7 Is-Sa Mercieca żiedet li l-inizjattiva *Fest Għana* tinsab għaddejja b'bootcamp ta' sessjonijiet ta' għana tal-fatt mar-residenti tar-Reġjun, fejn is-sessjoni li jmiss hija skedata li ssir fil-Kunsill Lokali tal-Fgura.

58.2.8 Fl-aħħar, hija pproponiet li r-Reġjun jinvesti aktar fir-riżorsi umani, b'mod partikolari fil-qasam tal-marketing. Hija rrimarkat li l-outreach tal-paġni tal-midja soċjali tar-Reġjun żdied b'268%, b'madwar 7,000 persuna li raw il-paġna ta' Facebook tar-Reġjun Port u madwar 20,000 li raw il-kontenut ippubblikat. Barra minn hekk, il-website irreġistrat madwar 381 user ġdid. Wara t-tnedija tar-Reġjun tal-Kultura fil-11 ta' Jannar 2026, ġiet irreġistrata żieda sinifikanti ta' madwar 53,000 user.

58.2.9 Is-Sa Mercieca rreferiet ukoll għall-proġett *Arts in Common*, li ser jiffoka fuq installazzjonijiet artistiċi f'kull Kunsill Lokali. Hija spjegat li l-maġġoranza tal-artisti diġà ġew identifikati u li ser tgħaddi l-lista lis-Segretarju Eżekuttiv. Id-direttur artistiku tal-proġett huwa s-Sur Ryan Falzon. Ġie nnutat li kien għad fadal il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar, fejn għadha mistennija komunikazzjoni mis-Sindku. Il-Kunsill Lokali ta' Paola indika li ma jixtieqx jipparteċipa peress li għandu pjanijiet biex jinstalla big screen fil-pjazza. Min-naħa l-oħra, il-Kunsilli Lokali ta' Tarxien u l-Fgura għadhom pendenti, peress li qed jistennew risposti mingħand l-artisti rispettivi. Is-Sur Joseph Galea żied li

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

l-budget tal-attivitajiet ġie emendat kompletament wara li tħassret l-inizjattiva tal-Olimpjadi tar-Reġjun.

58.2.10 Is-Sur Joseph Galea informa li ġew identifikati l-ewwel ħames proġetti taħt l-inizjattiva *Regional Mosaic*, fejn ser jiġu allokati €20,000 għal kull lokalità. L-ewwel attività ser issir fil-Fgura, b'ċelebrazzjoni ta' Jum il-Mara. Sussegwentement, hija ppjanata attività taħt il-loġoġ tal-Floriana fit-12 ta' April, b'enfasi fuq l-artiġjanat. F'Bormla, fit-2 ta' Mejju, ser issir attività mużikali li tinvolvi DJ flimkien ma' orkestra. Fl-Isla, fis-27 ta' Ġunju, ser jibda x-xogħol relatat mal-Festa tal-Ħġejjeġ. Barra minn hekk, f'Paola, fit-23 ta' Mejju, ser tittella' wirja ta' arti sagra. Is-Sur Galea semma li nqalgħu xi diffikultajiet mal-Kurja sabiex jingħata permess għall-użu tal-Bażilika ta' Kristu Re, u għalhekk qed tiġi esplorata l-possibbiltà li l-attività ssir fil-Knisja ta' Sant'Ubaldeska.

58.2.11 Is-Sa Mercieca semmiet li l-website tar-Reġjun hija aġġornata b'mod regolari u tinkludi l-ħinijiet u d-dettalji kollha relatati mal-attivitajiet organizzati.

58.2.12 Ġie kkonfermat li l-attività fil-Belt Valletta ser iżżomm id-data tal-25 ta' Ottubru, anke fid-dawl li diġà nkisbu l-permessi neċessarji għall-użu ta' Pjazza San Ġorġ. Is-Sur Galea żied li d-diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali l-oħra għadhom għaddejjin, filwaqt li jidher li f'Novembru l-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien ser jorganizza attività bit-tema *Lejla Venezjana*.

58.2.13 Il-President irringrazzja lis-Sa Mercieca u lis-Sur Galea għall-preżentazzjoni tagħhom u talabhom iħallu l-kamra sabiex il-membri jkunu jistgħu jiddiskutu u jieħdu deċiżjoni dwar il-finanzjament tal-proġetti.

58.3 Deċiżjonijiet Meħuda mill-Kumitat – Reġjun Kulturali 2026

58.3.1 Ġie deċiż li l-proġett tal-Ktieb tal-Fortifikazzjonijiet jitkompla, filwaqt li ser ikun qed jiġi esplorat jekk il-Bank of Valletta jistax jikkontribwixxi finanzjarjament għal dan il-proġett.

58.3.2 Ġiet approvata l-inizjattiva tal-billboard relatat mal-Ġimgħa l-Kbira fir-Reġjun, kif ukoll in-nefqa relatata magħha.

58.3.3 Ġie deċiż li l-kwotazzjonijiet relatati mal-music video għandhom jerġgħu jinġabru sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni infurmata.

58.3.4 Fir-rigward tal-proġett tal-zip line, il-Kumitat qabel li jiġi esplorat jekk Visit Malta jistax jikkontribwixxi jew jappoġġja l-inizjattiva. Madankollu, ġie miftiehem li din l-attività m'għandhiex issir fit-8 ta' Settembru, peress li dik id-data għandha tkun riżervata għall-attivitajiet relatati ma' Jum ir-Regatta.

58.3.5 Il-proposta għal kontribuzzjoni ta' €10,000 lill-Każin 60+ ma ġietx approvata.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

58.3.6 Fir-rigward tal-Olimpjadi tar-Reġjun, ġie deċiż li jekk id-diretturi artistiċi jippreżentaw invoice uffiċjali, il-kwistjoni tista' terġa' tiġi diskussa f'laqgħa oħra. Madankollu, fil-preżent ma kien hemm l-ebda qbil sabiex issir tali ħlas.

58.3.7 Il-Kumitat ma approvax il-ħatra ta' persuna freelance sabiex tieħu ħsieb il-marketing u l-kontenut tal-paġna Facebook tar-Reġjun. Ġie nnutat li r-Reġjun diġà għandu maintenance agreement mal-persuna responsabbli mill-website, u għaldaqstant ix-xogħol relatat mal-kontenut u l-marketing għandu jitwettaq mill-Uffiċjal Maniġerjali, bl-għajnuna ta' graphic designer, ukoll fid-dawl li l-Uffiċjal Maniġerjali jinsab fl-istess skala tas-Segretarju Eżekuttiv.

58.3.8 Fir-rigward tal-proposta ta' micro grants ta' €500 għal kull Kunsill Lokali, proposta mill-Malta Music Performing Arts Complex (MMPAC), ġie deċiż li ssir laqgħa bejn rappreżentanti tar-Reġjun u tal-MMPAC sabiex ikun hemm definizzjoni aktar ċara tal-proġett u tal-kontribut mitlub.

58.3.9 Ġiet approvata l-kontribuzzjoni relatata mal-vidjografija u l-fotografija għall-kunċert li ser jiġi organizzat ġewwa l-Belt Valletta mill-St Julian's Choir.

58.4 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.57

58.4.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 57 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Nigel Holland, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

58.5 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 50

58.5.1 Fuq proposta tal-President, intalbet l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti Nru. 50, b'nefqa totali ta' €362,049.47 għall-perjodu bejn l-24 ta' Jannar 2026 u t-23 ta' Frar 2026. Il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Jorge Grech u s-Sur Neil Portelli u ġiet approvata mill-Kumitat.

58.6 Ittra Legali – Kunsill Lokali Kalkara

58.6.1 Il-President informa lill-Kumitat li r-Reġjun irċieva ittra legali mingħand il-Kunsill Lokali tal-Kalkara rigward ħlasijiet pendenti relatati mal-ġbir tal-iskart mis-sena 2024. Huwa talab li din l-ittra tiġi annessa mal-minuti u mmarkata bħala DOK A.

Il-President qassam kopja tal-ittra lis-Sindki preżenti u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħmel kuntatt mal-avukat tar-Reġjun bil-għan li titħejja risposta formali.

Huwa spjega li, filwaqt li r-Reġjun wettaq spezzjonijiet fejn meħtieġ, ir-responsabbiltà primarja kienet tal-Kunsill Lokali permezz tal-Contracts Manager tiegħu. Żied jgħid li, għalkemm il-piż tal-iskart miġbur ġie stabbilit u baqa' konsistenti minn Novembru 2024 'il quddiem, meta wieħed iqis id-data pprovduta minn Wasteserv għal snin preċedenti, meta s-servizz ma kienx fuq bażi reġjonali, kienu wkoll jeżistu varjazzjonijiet simili fil-piżijiet.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Il-President irrimarka wkoll li, minkejja li s-sistema tal-ġbir tal-iskart għaddiet għal livell reġjonali fis-sena 2023, il-Kunsill Lokali tal-Kalkara kien wieħed mill-ftit li żamm l-istess kuntrattur, peress li dan kien ukoll il-kuntrattur li rebaħ it-tender reġjonali.

Huwa żied li, matul diskussjonijiet preċedenti li saru fil-preżenza tal-kuntrattur, kien spiss indikat li ċerti differenzi ġew indirizzati direttament bejn il-kuntrattur u l-Kunsill Lokali.

Fl-aħħar nett, il-President informa li r-risposta uffiċjali tar-Reġjun ser tkun indirizzata lill-Kunsill Lokali tal-Kalkara u ser tiġi kkupjata wkoll lill-kuntrattur u lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

58.5.3 Is-Sur Cascun irrimarka li f'dan il-każ ir-Reġjun jista' jitqies bħala vittma, peress li diġà sar il-ħlas filwaqt li l-ammont għadu pendenti. Madankollu, huwa żied li, min-naħa l-oħra, il-Kunsill Lokali tal-Kalkara jista' wkoll jitqies bħala vittma tas-sitwazzjoni.

Għaldaqstant, huwa enfasizza l-importanza li l-kuntrattur jiġi infurmat formalment u jinżamm responsabbli sabiex din il-kwistjoni tiġi indirizzata b'mod ġust u trasparenti.

58.5.4 Kien hemm qbil li l-ittra tgħaddi għand l-avukat tar-Reġjun.

58.6 Komunikazzjoni mill-President

58.6.1 Il-President semma li ser jesplora l-possibbiltà li l-ispejjeż relatati mal-installazzjonijiet tal-proġetti Arts in Common jiġu ffinanzjati mir-riżervi tar-Reġjun, sabiex fondi oħra jkunu jistgħu jiġu allokati għall-kumplament tal-attivitajiet u inizjattivi.58.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Nigel Holland, ir-rapport kien approvat kif preżentat.

58.6.2 Il-President informa li, fir-rigward tal-proġett tal-***Zip Line***, saret talba għal kontribuzzjoni ta' €15,000 lil Visit Malta. Huwa żied li d-data proposta għall-attività għandha tinbidel għas-6 ta' Settembru 2026.

58.6.3 Il-President informa lill-Kumitat dwar talba li saret mis-Sindku tal-Floriana, li qed taffettwa wkoll il-lokalitajiet tal-Kottonera kif ukoll il-Belt Valletta, relatata mal-isfida dejjem tikber tal-**ġentrifikazzjoni**. Huwa spjega li l-Kunsilli Lokali f'dawn il-lokalitajiet qed jiffaċċjaw sitwazzjoni fejn mhux qed jiġu rilokati familji ġodda fil-lokalità, filwaqt li l-valur tal-proprjetà qed jiżdied b'mod sinifikanti u qed iwassal għal użu predominanti kummerċjali u turistiku.

Huwa żied li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali laqgħet din it-talba flimkien ma' oħrajn minn Kunsilli Lokali differenti u ser tkun qed twettaq studju flimkien mal-Università ta' Malta. Għal dan il-għan, ser jiġu allokati €25,000 mill-Assoċjazzjoni.

Peress li numru sostanzjali ta' dawn il-Kunsilli Lokali jaqgħu taħt ir-Reġjun Port, saret talba sabiex ir-Reġjun jikkontribwixxi s-somma ta' €12,000 biex jappoġġja dan l-istudju.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Nigel Holland, il-Kumitat approva din il-kollaborazzjoni u l-finanzjament relatat.

58.6.3 Ġiet ippreżentata talba mill-**Kunsill Lokali tal-Belt Valletta** sabiex il-fondi relatati mal-iskema tar-Reġjun 2026, li jammontaw għal €5,000, jintużaw mill-għaqda La Valette għall-organizzazzjoni ta' kunċert.

Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur John Boxall, din il-proposta ġiet approvata mill-Kumitat.

58.7 Belt Kulturali Ewropea 2031

58.7.1 Is-Sur John Boxall semma li, f'laqgħa li kienet saret mal-Kunsill Lokali tal-Birgu u li għaliha kien attenda wkoll is-Sur Kevin Mahoney, kien ġie indikat u deċiż li x-xogħol kollu li sar matul sitt xhur mill-Kunsill Lokali tal-Birgu ma kienx sodisfaċenti.

Huwa żied li, bħala riżultat ta' dan, il-board li kien inħatar, li kien jinkludi lis-Sa Maria Micallef, il-Prof. Camilleri, is-Sur Joe Bezzina u s-Sur Peter Portelli, kellu jitneħħa.

58.7.2 Is-Sur John Boxall żied li din id-deċiżjoni ttieħdet minkejja li s-Sa Catherine Tabone mill-VCA kienet, b'mod informali, indikat lis-Sindku li kien miexi fid-direzzjoni t-tajba u li l-passi li kienu qed jittieħdu kienu adegwati. Semma li waqt il-laqgħa li kienet saret il-Kunsill Lokali tal-Birgu, kien is-Sur Mahoney stess li qal li dak li sar ma kienx sar skond ir-regolamenti u qal li l-Board irid jaħtru l-Ministru.

58.7.3 Is-Sur John Boxall semma li huwa kien qal lis-Sur Mahoney li, jekk ser jittieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jwasslu għal riżultati negattivi, għandu jkun ċar min ser jerfa' r-responsabbiltà għal tali konsegwenzi – "Jekk ser inkun naf li ħiereġ għal-logħob u ser nitlef jara min ser jerfa' r-responsabbilita'".

58.7.4 Is-Sur John Boxall irrimarka li l-proċess li sar minn wara dahar kulħadd mhux biss naqqas ir-reputazzjoni tal-Birgu u tar-Reġjun, iżda wkoll poġġa f'dawl negattiv lis-Sindki u l-Kunsilliera kollha li jagħmlu parti minn dan ir-Reġjun.

Huwa żied li, minkejja li l-Ministru, l-Onor. Owen Bonnici, ħatar lis-Sur Rupert Cefai biex imexxi l-kitba tal-bid book, ir-Reġjun u l-Kunsilli Lokali għadhom sal-lum ma rċevewx risposti jew kjarifiki dwar is-sitwazzjoni u b' liem amod redikolu inkitbet il-bid.

58.7.5 Il-President semma li minkejja intbghatu l-ittri u dawn waslu ħadd ghadu ma wiegeb lir regjun fuq l-ahhar ittra li ntbghatet.

58.8 Skema SPI/SCI/10/2022 - Espressjoni ta' Interess: Żvilupp u titjib ta' Latrini Pubbliċi Awtomatiċi

58.8.1 Il-President informa li saru l-verifikazzjonijiet meħtieġa u li l-parti l-kbira tal-ħlasijiet diġà jinsabu inklużi f'din l-iskeda.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Is-Sur Jason Silvio staqsa jekk hu, f'isem il-Kunsill, jistax jibbenefika minn allokazzjoni ogħla minn dik inizjalment assenjata, fid-dawl li jidher li kien hemm fondi li għadhom ma ntużawx.

Is-Sur Jorge Grech irrimarka li, jekk dan ikun il-każ, huwa kien nefqet madwar €10,000 aktar minn kemm irċieva, peress li laħaq il-limitu massimu tal-iskema, u għaldaqstant staqsa jekk jistax jew iwettaq intervent addizzjonali (bħal latrina oħra) jew inkella jiġi kkumpensat għall-ammont li ma setax jirkupera.

Is-Sur John Boxall u s-Sur Neil Attard staqsew ukoll jekk ikunx possibbli li jsiru xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fuq latrini fil-bini tal-Kunsilli rispettivi tagħhom taħt l-istess skema.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub jikkonsulta mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex tinkiseb direzzjoni ċara dwar dawn il-kwistjonijiet.

58.9 Aġġornament

58.9.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-seba' u nofs, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu 2026 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dok 14

FARRUGIA, GATT & FALZON

Advocates

www.fgflegal.com

PIO M. VALLETTA LL.D.
STEFAN MEILAK LL.D.
JOSEPH P. BONNICI LL.D., Adv. Trib. Eccl. Melit.
ERROL CUTAJAR B.A., LL.D.
LUKE VALLETTA LL.B. (Hons.) M.Adv. Melit.

254, REGENCY HOUSE
(1ST FLOOR), REPUBLIC STREET,
VALLETTA, VLT1114. MALTA.
Tel: (+356) 21237329/21245706
E-mail: info@fgflegal.com

18 ta' Diċembru 2025

Lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Regjonali Port
73,
Triq Santa Marija
Hal Tarxien
TXN 1704

Re: Verifiki fuq it-tunellaġġ miġbur matul il-perjodi ta' Jannar 2024 – Ġunju 2024 u Jannar 2025 – Ġunju 2025

Għażiż Aġent Segretarju Eżekuttiv,

Niktbu f'isem il-Kunsill Lokali ta' Kalkara ta' 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru 1897, Il-Kalkara.

Issir referenza għad-diskrepanzi evidenti rigward it-tunellaġġ miġbur matul is-sena 2024 u s-sena 2025 partikolarment bejn l-ewwel disgħa (9) xhur bejn Jannar u Settembru ma' dak tal-aħħar tlett (3) xhur bejn Ottubru u Diċembru.

Mit-tabella li ġie provdut lill-istess Kunsill Lokali jekk wieħed jara l-medja tat-tunnellati miġbura tal-*mixed waste* ta' bejn Jannar u Ġunju 2024 (80.3 tunnellaġġ) ma dak ta' bejn Jannar u Ġunju 2025 (35.9 tunnellata) id-differenza medjana ta' 44.4 tunnellata iktar fix-xahar meta tqabbel is-snin ma humiex realistici. Di fatti minn dawn il-kalkoli jirriżulta li hemm diskrepanza ta' madwar €4,191.00c. Wieħed irid iqabbel il-ġbir ta' skart fil-lokalita' ta' Kalkara ma dak ta' Bormla (fejn hemm popolazzjoni ferm akbar) u jirriżulta illi l-Kunsill ta' Kalkara ġie fatturat b'tunellaġġ akbar u sussegwentement bi prezz ferm għola.

Illi l-Kunsill qiegħed jigi mitlub kontinwament mir-Reġjun Port sabiex jagħmel il-pagament għal dawk il-perjodi ta' ġbir ta' tunellaġġ konfliġġenti.

Retrospettivament, il-Kunsill kien talab kemm -il darba sabiex il-Kunsill Regjonali Port jintervjeni sabiex jagħmel il-verifiki neċessarji sabiex l-ammonti indikati jirriflettu verament il-ġbir li kien sar tul dak iż-żmien liema azzjoni ttieħdet f'Novembru 2024 u minn din l-azzjoni irriżulta dawn id-diskrepanzi li saret referenza għalihom f'din l-ittra. Illi huwa essenzjali illi jsir moniteraġġ konsistenti sabiex ikun assigurat illi l-ammont jibqa' wieħed ġust u korrett.

Għalhekk għal darb oħra il-Kunsill qiegħed jitlob lir-Regjun b'mod formali sabiex issir ir-reviżjoni tal-fatturi provduti għall-ammonti realistiċi u dana dejjem fl-aħjar interess tar-residenti ta' Kalkara.

Grazzi tal-kooperazzjoni tagħkom u tislijet,

Av. Luke Valletta

Av. Joseph P. Bonnici

This firm is a member of EuréseaU a network of lawyers with offices in BUENOS AIRES DUBLIN FRANKFURT GOTENBORG KIEV LIEGE LISBON LONDON MADRID PANAMA PARIS RIO DE JANIERO ROTTERDAM SAN SALVADOR SANTEFE' DE BOGOTA' STOCKHOLM TRIESTE UDINE VIENNA

E-mail Addresses: pmvalletta@fgflegal.com, smeilak@fgflegal.com, jpbonnici@fgflegal.com, ecutajar@fgflegal.com, lukevalletta@gmail.com

Waste Collection in Year 2024

Kalkara							
Month	Mixed Waste in tons	Invoice No	Mixed Waste Collection	Invoice No.	Mixed & Organic Waste Tipping Fees	Total Invoice	Bormla Mixed Waste in tons
Jan'24	85.6	18/24	€3,446.37	19/24	€6,060.48	€9,506.85	55.86
Feb'24	70.02	40/24	€2,760.07	41/24	€4,957.42	€7,717.49	53.42
March'24	80.38	64/24	€3,016.34	65/24	€5,690.90	€8,707.24	65.04
April'24	75.56	88/24	€2,852.93	89/24	€5,349.65	€8,202.58	87.36
May'24	80.42	113/24	€2,983.25	114/24	€5,693.74	€8,676.99	80.68
June'24	90.02	135/24	€3,260.24	136/24	€7,062.54	€10,322.78	85.24
July'24	87.32	159/24	€3,337.83	160/24	€6,996.93	€10,334.76	78.28
Aug'24	85.46	181/24	€3,237.59	182/24	€6,827.48	€10,065.07	89.76
Sep'24	68	204/24	€2,789.20	205/24	€5,494.08	€8,283.28	68.58
Oct'24	63.19	234/24	€2,592.08	235/24	€5,082.49	€7,674.57	Not provided
Nov'24	32.9	256/24	€1,495.29	257/24	€2,927.34	€4,422.63	84.42
Dec'24	31.56	279/24	€1,324.59	280/24	€2,830.11	€4,154.70	73.98